MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Numru. 475/2001

**Il-Pulizija**
**(Sp. Silvio Valletta)**
**(Sp. Jeffrey Cilia)**

**v**

**Angel Attard ta' 24 sena bin Lawrence u Nazzarena nee Mercieca mwieled Pieta' nhar it-13 ta' Dicembru, 1976, u residenti f'247 Windsor Building, Flat 11, Triq Haz-Zabbar Fgura, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 18777 (M)**

**Aiello Santo ta' 41 sena bin Giovanni u Maria nee Pulvirente mwieled f'Catania nhar is-27 ta' Gunju, 1960, u residenti temporanjament f'Malta Joslin Court, Flat 11, Triq J. Quintinanus, Qawra alias Natale Ranno ta' 36 sena, imwieled f'Catania, Sqallija fis-17 ta' Ottubru, 1964 detentur tal-**

**Karta tal-identita' Taljana bin-numru AA9006493**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Angel Attard u Aiello Santo li gew akkuzati talli b'diversi atti, wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe:

(a) talli fil-Marsa nhar l-14 ta' Frar, 2001 ghall-habta tad-9.30 a.m. flimkien ma' persuni ohra mhux maghrufa, ikkommettew serq ta' soma flus ta' aktar minn tletin elf lira Maltin (Lm 30,000) mill-fergha tal-HSBC sitwat fi Cross Road, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) li sar ghad-detriment ta' l-istess bank,
(b) u aktar talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mil-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lis-Security Guarda tal-Bank, diversi impjegati tal-istess Bank, diversi mpjegati tal-istess bank u persuni ohra kontra l-volonta taghhom,
(c) U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi ikkommettew serq ta' arma tan-nar bin-numru serjali 26045 minn fuq il-persuna ta' Jesmond Agius ufficjal numru 305 tal-Forzi Armati ta' Malta, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, vjolenza u valur u li sar ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta,
(d) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kienu qed jaghmlu delitt ta' serq, kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari,
(e) U aktar talli f'Hal-Qormi nhar is-6 ta' Gunju, 2001 ghall-habta ta' l-10.40 a.m. flimkien ma' persuni ohra mhux maghrufa, ikkommettew serq ta' soma flus ta' aktar minn ghaxart elef lira Maltin (Lm 10,000) mill-fergha tal-

Bank of Valletta sitwat f'Ta Farzina, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) u li sar ghad-detriment ta' l-istess bank,

(f) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cikrostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil PC 1420 Etienne Tabone, diversi impjegati tal-istess bank kontra l-volonta' tagghom,

(g) U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkommettew serq ta' arma tan-nar bin-numru serjali B 25814 minn fuq il-persunt a' PC 1420 Etienne Tabone, liema serq huwa kkwalifiakt bil-mezz, vjolenza u valur

(h) fil-hin li kienu qed jaghmlu delitt ta' serq, kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari,

(i) U aktar talli f'San Giljan nhar il-15 ta' Lulju, 2001 ghall-habta ta' l-10.00 a.m. ikkommettew serq ta' soma flus ta' madwar hamest elef lira Maltin (Lm 5000) mic-Change Mart Exchange Bureau liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz u valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) u li sar ghad-detriment tal-propjetarji ta' l-istess exchange bureau,

(j) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kienu qed jaghmlu deitt ta' serq, kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari,

(k) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Angel Grech kontra l-volonta taghha,

(l) U aktar illi f'Belt Valletta nhar is-17 ta' AWissu, 2001 ghall-habta ta' l-4.30 p.m. ikkommettew serq ta' soma flus ta' aktar min ghoxrin elf lira Maltin (Lm 20,000) minn Coppini Exchange Bureau sitwat fi Triq il-Merkanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz u valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) u li sar ghad-detriment tal-propjetarji ta' l-istess exchange bureau,

(m) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Martin Coppini, Nadesh Cutajar u Godfrey Brincat kontra l-volonta' taghhom.
(n) U aktar talli f'Hal Luqa, fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Frar, 2001 ikkommettew serq ta' vettura t'ghamla Fiat Uno bin-numru tar-registrazzjoni CAC-334, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Joseph Fiott,
(o) U aktar talli fil-Hamrun, fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Gunju, 2001 ikkommettew serq ta' vettura t'ghamlu Fiat Uno bin-numru tar-registrazzjoni EAO-924, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, vlaur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta' Adrian FEnech,
(p) U aktar talli f'Haz-Zabbar fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Lulju, 2001 ikkommettew serq ta' mutur bin-numru GAN-346 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) bil-hin u bix-xort tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Karen Magri,
(q) Akkuzat ukoll tali f'dawn il-gzejjer xjentement laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom,
(a) Angel Attard wahdu akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Awissu, 2001 fil-Kalkara kkommetta seq ta' dghajsa liema serq huwa kkwalfikat bil-valur, hin u xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Lawrence Mifsud.
(b) Akkuzat ukoll talli fis-17 ta' Awissu, 2001 ghall-habta ta' l-10.30 p.m. bhala persuna mizmuma jew meqjusa li kienet mizmuma harab mill-kustodja tal-persuni inkarigati mill-kustodja tal-persuni inkarigati mill-kustodja tieghu u kif ukoll talli m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba li fil-konfront ta' Aiello Santo sive Natale Ranno, fil-kaz ta' htija minbarra li taghti l-piena

stabbilita mil-ligi, tiddikjara lill-imsemmija persuna bhala immigrant ipprojbit u tohrog ordni ta’ tnehhija kontra teighu skond l-artikolu 15 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli mahrug mill-Avukat Generali fil-konfront ta’ Angel Attard li a bazi taghhom huwa jahseb li tista’ tinstab htija u cioe :

(a) l-artikoli 18, 261(a)(b)(c)(f)(g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 276, 277, 278, 330, 279(2), 280, 281, 334, 31, 22, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali
(b) fl-artikoli 3 (1), 9, 19, 26 u 27 tal-Kapitolu 66.

Rat li Angel Attard ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur talab is-separazzjoni tal-gudizzju u l-Qorti laqghet it-talba u ghalhekk din id-decizjoni hija biss fil-konfront ta’ ANGEL ATTARD.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet id-debita trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat,

Illi din il-Qorti in vista ta’ dak mistqarr mill-istess akkuzat fl-istqarrija tieghu se tibda biex tezamina l-istess imbaghad tghaddi biex tezamina dak li qal l-istess akkuzat meta ghazel li jiddeponi quddiemha. Wiehed jista’ jinduna li ghalkemm Attard kien ferm illuminanti fl-istqarrija tieghu dwar l-involviment tieghu fir-reati lilu adebitati pero’ hemm certu differenzi jew ahjar ziediet ghal dak li hu mbaghad ghazel li jghid quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Tfakkar ukoll din il-Qorti li ghalkem xejn minn dak li qal Aiello Santo ma jista’ qatt jintuza kontra Attard in kwantu dawn kienu ko akkuzati, pero din il-kawza fil-fatt imbdiet b’zewg akkuzati sakemm sar id-debita separazzjoni tal-gudizzju u ghalhekk din id-decizzjoni hija biss kontra Angle Attard..

Mill-istqarrija rilaxxata minn Attard jirrizultaw is-segwenti fatti;
Illi in kwantu vetturi huwa kellu tieghu Fiesta hamra, Volkswagen Bora, zewg transits bojod. Ghandu wkoll mutur tal-marka Ben u fiz-zmien ta' l-istess stqarrija qal li kien ghadu kif ibiegh mutur iehor tal-marka Honda.

Fi zmien li Angel Attard ghamel din l-istqarrija huwa kellu erbgha u ghoxrin sena.
Jghid li hu sar jaf lil Aiella Santo gia maghruf bhala Nalale meta fi Frar tas-sena 2001 kienu tkellmu fuq xoghol tal-kisi. Fl-istess stqarrija fil-fatt Attard jghid ukoll li xoghlu huwa dak tal-kisi.

Mistoqsi fuq il-hold up li sehhet  fil-Coppini Exchange Bureau il-Belt fis-17 ta' Awwissu wiegeb li ha kull ma kien hemm.

Jirrakonta li hu u Santo bil-mutur u l-van, hu isuq il-mutur u Santo l-van, hallew il-mutur fejn fil-fatt instab dahlu l-exchange, hu f'idu kellu arma li ma kienetx ta' vera, ghamlu l-hold up. Aktar tard hu gie intercettat mill-pulizija u sussegwetement arrestat.

Ammetta fil-fatt li l-flus misjuba ghandu fuq il-mejda  kienu provenjenti minn din il-hold up. Dawn il-flus gew misjuba mill-pulzija meta huma kienu sabu van allegatament involut fil-hold up in kwistjoni li kien fil-fatt registrat fuq Attard.

Ammetta wkoll illi tul il-kors ta' l-inkjesta  wara li allura gie misjub mill-pulizija bil-flus imsemmija, hu harab lill-istess pulizija u  biex ikompli fil-harba tieghu anke seraq dghajsa mill-Kalkara.

Ammetta wkoll illi l-mutur li semma li saret il-hold up bih fl-exchange gie misruq minnu ma' Natale mill-Estate ta' Haz Zabbar.  Spjega illi dan il-mutur fil-fatt l-ewwel intuza f'serqa li hu u Santo ghamlu gewwa l-fond Change Mart Exchange Bureau, abbandunawh u regghu gabruh mill-

istess post biex bih ghamlu s-serqa ta’ l-Exchange ta’ Coppini.

Ammetta ghal u spjega kif saret is-serqa mill-fond Change Mart Exchange Bureau gewwa Ross Street, Paceville. Qal li hu u Natale hadu s-somma ta’ sitt elef liri Maltin u barranin. Zied li l-barranin sarrfuhom fil-magni.

Ammetta wkoll illi l-flus provenjenti minn din is-serqa inqasmu bejnu u bejn Natale fil-flat ta’ Natale.

Ammetta wkoll zewg serqiet ohra wahda ta’ l-HSBC tal-Marsa u l-ohra fuq il-BOV ta’ Hal Qormi. Dawn flimkien Natale saru wkoll fil-kumpanija ta’ zewg Taljani ohra.

Ghalhekk fil-konfront tal-hold up li sar fuq l-HSBC qal li cempillu Natale li avzah li kellhom jiltaqghu fil-ghodu biex jaghmlu din is-serqa. Fil-ghodu marru ghalih b’van mikri u Natale u Taljan iehor nizlu, l-iehor mar igib karozza ohra. Huma t-tlieta dahlu l-bank, tkellem hu bil-Malti, tant li jghid li qal id-diskors “ Hadd ma jiccaqlaq u ma jmiss xejn” ( a fol 20 tal-Process Verbal a fol 92 tal-process) serqu l-flus u telqu l-barra. Sehmu minn din is-serqa kienet ta’ bejn hames u sitt elef liri Maltin. Ma kienx jaf jghid x’sar mill-arma tas-suldat li nsterqet fl-istess hold up. Lanqas ma kien jaf jghid l-isem taz-zewg Taljani l-ohrajn involuti mieghu u ma’ Natale fil-holdup. Kien jaf pero’ li wiehed minnhom kien miet u sussegwentement gie sostitwit b’Taljan iehor.

Dwar is-serqa li saret fuq il-bank BOV ta’ Farsina jghid illi gurnata qabel ftehmu li se jaghmlu din is-serqa ghalhekk Natale mar ghalih b’karozza mikrija u hu saq warajh bil-van tieghu. Darba il-bank it-Taljan sostitut ha l-arma tal-pulizija. Attard jghid li hu ma kellux armi pero’ qaghad bil-qeghda fuq il-pulizija. F’dan il-kaz il-flus spiccaw iccapsu bil-kulur li hareg mill-istess borza tant li haslsu minnhom gol-washing machine biex inehhulhom id-dye. Sehmu minn din is-serqa kienet ta’ elfejn lira Maltin. Ghalhekk ammetta li l-flus misjuba fil-flat tieghu imcappsa b’kulur ahmar kienu parti minn dawk provenjenti mis-serqa tal-BOV.

Gharaf ukoll arma li ntuzat mit-Taljani fis-serqiet.

Gharaf anke lilu nnifsu fuq ritratt mehud mill-filmat tal-Bank of Valletta waqt is-serqa hemm affettwata.

Kif gia inghad Angel Attard ghazel li darba li nghalqu l-provi kemm xejn fit-tul tal-Prosekuzjoni li jaghti x-xhieda tieghu.

Fix-xhieda tieghu Angel Attard ghamel emfazi fuq kif kienet it-tfulija tieghu u t-tbatija li ghadda minnha inkwantu hu ghex bla missier. Senjalament tkellem ukoll dwar il-fatt illi huwa ta' l-eta tenera ta' sittax u nofs gia kien qed jahdem ghal rasu u kellu il-lavranti mieghu u dejjem ikabbar ix-xoghol. Tkellem fuq il-problemi ta' likwidita' li nkontra fis-sengha tieghu, u cioe sab persuni li fil-fatt lil ma jhallsux fil-pront. Donnu allura minn kliemu li kien ghalhekk illi huwa meta gie mhajjar mit-Taljan li jmorru jisirqu li waqa' go din in-nasba. Kif jiddeskrivi s-sitwazzjoni hu anzi donnu lanqas jaf kif spicca go din in-nasba ma' dawn in-nies. ( a fol 811). Anzi jghid li hu xtaq jehles minn din is-sitwazzjoni li kien dahal fiha ghaliex " …..xtaqt jigifieri li nehles hafna minn din l-affari ghax ma kellix x"nambieha jien ghax imbaghad ix-xoghol qabad rega' miexi ghax kull ma kienu jittardjaw naqra c-cekkijiet dik kull ma kienet il-problema… Gieli ttardjali anke xahrejn ic-cekkijiet u kelli loan mill-bank u kont nispicca daqxejn iebes" ( a fol 811).

Tkellem ukoll dwar il-fatt illi qabel kull serqa kien jaghmel iljieli ma jorqodx bl-inkwiet u dwar il-fatt li issa hemm ic-cans li minhabba l-ezitu ta' din il-kawa hemm cans li l-lavranti li ghandu mieghu jistghu jispiccaw barra.

Tkellem dwar il-fatt li hu harab minn idejn il-pulizija ghaliex hass li kemm il-Qorti kif ukoll il-pulizija dahku bih ghax haseb li kollox bhal tat-telvision, hawn tkellem fuq uniformi u li xi hadd kellu suppost idur ghalih.(Frankament hawn ma giex mifhum)

Fl-ahhar anke talab mahfra lill-Qorti.

In kontro ezami tkellem dwar il-fatt li Santo qatt ma heddu pero’ z-zewg Taljani l-ohrajn ghalkemm qatt ma heddewh pero’ gie mwissi biex joqghod attent minnhom.

Ammetta pero’ li nonostante li setgha hassu mhedded miz-zewg Taljani pero’ hu u Santo ghamlu zewg hold ups wahidhom, dawn jigi l-ahhar tnejn li saru fuq l-exchange bureau. Fil-fatt jghid li minn dan it-Taljan, Santo jew Aiello hu qatt ma hassu mhedded.

Ammetta li hu uzu minn arma mhux ta’ vera u baqa’ jinsisti ghal tul tax-xhieda li ma kienx jaf l-identita taz-zewg Taljani l-ohra involuti mieghu fil-hold up taz-zewg banek. Qal ukoll li nonstante li kien jifhem bit-Taljan huma kienu jitkellmu biss bl-isqalli u ghalhekk ma kienx jifhimhom.

Tkellem kif iltaqa’ mat-Taljan u cioe li mar ifittxu fuq il-lant tax-xoghol u hajru biex imorru jisirqu xi affarijiet li ma kienx jaf x’inhuma u qal iva u li ma jafx kif sab ruhu f’din is-sitwazjoni. ( a fol 822).

Tkellem fuq il-fatt li konsegwenza ta’ din id-diskursata li kellu ma’ Santo l-ghada iltaqa’ maz-zewg Taljani l-ohra li baqa’ ma jafx x’jisimhom u sahansitra ftehmu li kellhom jiltaqghu d-dar tieghu biex minn hawn imorru ghall-ewwel serqa. Qal ukoll li hu ma jaf xejn fuq il-vetturi misruqa ghajr ghall-fatt li darba mar maghhom biex serqu l-mutur gia msemmi fl-istatement li wara ntuza ghal zewg jew tliet serqiet ohra.

Hawn ghamel kambjament mill-verzjoni li ta qabel fl-istatement, fis-sens li qal li l-ahhar tliet serqiet saru mhux bejn tnejn, cioe hu u Aiello, pero’ kien hemm it-terza persuna li ma marritx maghhom pero’ xehed li dana kien se jaqsam maghhom. Lanqas dan ma jaf x’jismu.

Tkellem li l-qliegh li hu qala’ minn dawn s-serqiet kien ta’ cirka disat’elef lira Maltin. Anke qal fil-fatt li mill-ewwel serqa sehmu kien inqas ghax it-Taljani riedu jkopru l-ispejjez li kienu ghamlu.

Tkellem ukoll dwar il-fatt li kien unikament hu li kien qed isoffri l-konsegwenzi ta' dana kollu in kwantu l-kawzi civili kontra tieghu u sekwestri mill-bank u djun ohra li kellu biex johrog minn din is-sitwazzjoni.

Tkellem ukoll dwar il-fatt li hu kien bezgha mit-Taljani in kwantu huma kienu jafu lilu u lill-familja tieghu, kompla li tant ma kienx jaf min huma li skopra l-vera isem ta' Santo Aiello ghalih Natale Ranno, meta mar l-ghassa.

Min-naha taghha omm l-akkuzat Nazzarena Attard xehdet fis-sens li ghalkemm binha ghex trobbija difficli qatt ma basret dana kollu minn ghandu.

Marietta Lanzon xehdet li Angel Attard ghandu commitment lejn il-familja tieghu, fl-opinjoni taghha huwa bniedem li ma jafx x'laqtu u li fi kliemha mhux postu hekk ( a fol 869).

Ovvajament gew imressqa diversi, anzi hafna xhieda ohra li jissostanzjaw l-akkuzi migjuba kontra Angel Attard. Pero' in vista ta' dak minnu mistqarr u li xehed ma thossx din il-Qorti li hemm htiega li jsir succint tax-xhieda kollha riprodotta. Senjalament pero' hemm ix-xhieda ta' l-Ufficjali Prosekuturi li wasslu biex jitressaq l-istess Attard bl-akkuzi lilu addebitati. Tant li kien l-Ispettur Cilia li mar fil-fond ta' Attard fejn sab lill-istess akkuzat flimkien ma' Aiello Santo u fl-istess fond kien hemm ammont ta' flus li wara rrizultaw li kienu provenjenti mis-serqa li saret minn Coppini Exchange Bureau. Kienet il-vettura ta' l-istess Attard cioe l-van bin-numru ta' registrazzjoni LAB-638, li jsejjah lill-istess Attard li wassal il-pulizija f'din ir-residenza. Fl-istess residenza skond ix-xhieda ta' l-ispettur Cilia anke nstabu flus imcappsin bl-ahmar ghalhekk issa nafu li huma parti minn dawk provenjenti mis-serqa tal-Bank of Valletta.

L-ispettur Silvio Valletta xehed ukoll dwar dawn il-hold ups u l-involviment tieghu. Huwa ta xhieda fid-dettal ta' kif

Angel Attard harab mill-kustodja tal-pulizija u t-tfittxija intensiva matul il-lejl biex isibu lill-istess Attard.

Dan il-process huwa anke karatterizzat b'xhieda ta' varji persuni li ssubew dawn il-hold ups u l-effett imholli fuqhom. Nies li fil-kors tan-noramlita' gurnaliera marru ghax-xoghol go bank jew exchange bureau, marru jigbdu l-flus mill-bank u ATM machines, li kienu ta' gwardja mal-banek u spiccaw misruqa mill-armi taghhom sahansitra anke ridikulati ghax anke spiccaw b'nies bil-qeghda fuqhom. Insibu ghalhekk ix-xhieda ta' PC Etienne Tabone li kien on extra duty ghassa mal-Bank of Valletta. Jghid li dahlu nies injoti, tawh daqqa go wiccu, qabdu xi hadd minnhom minn riglejh u tefghu lura tefghu man-notice board li hemm gewwa l-bank, habbtuh maghha. Qal li anke bdew jaghtuh daqqiet ta' ponn u bil-Malti xihadd qallu biex joqghod hemm. Imbaghad kif gia inghad mhux talli mbuttawh ma' l-art imma anke xihadd qaghad anke b'irkubbtejh fuq dahru ( afol 220). Insterqitlu minn dawn anke l-arma tieghu. Insibu impjegati tal-bank, BOV f'dan il-kaz, bhalma hu x-xhud Eusebio Ellul, li waqt il-hold up anke dahal taht l-iskrivanija u aktar jghidilna li xi hadd mil-hallelin ippuntalu pistola u qallu flus, (a fol 234), mistoqsi b'liema lingwa kellmu wiegeb bil-Malti, (a fol 237). Kaz iehor ta' nies li semplicement qed jaghmlu uzu minn ATM machine u spiccaw issekwestrati ukoll gol-bank bhal per ezempju l-konjugi Briffa ( fol 261). Impjegata ohra din id-darba tal-bank HSBC, certu Claire Busuttil li xehdet ukoll dwar il-hold up subit, tghid li fil-kors ta' gurnata normali tax-xoghol f'daqqa wahda semghet il-kliem "din m'hix cajta izda hold-up" ( a fol 363). Nies li kienu ghall-affari taghhom u bl-aktar mod viljakk gew imbezza' u trattenuti waqt l-erba' hold ups. Nies li hargu ghax- xoghol normali taghhom gurnata bhall-ohrajn u sabu l-mezz ta' trasport taghhom nieqes bhal ma gara li Karen Magro.

Ikkonsidrat

Certament mill-ezami ta' l-atti din il-Qorti ma ghandha ebda dubju dwar il-htija ta' l-akkuzat in kwantu l-involviment tieghu fl-erba' serqiet ta' flus, sekwestru tan-

nies li nstabu fil- jew vicin dawn l-istabilimenti finanzjari u tas-serq tal-mutur reg no. GAN 346, serq ta' dghajsa, kif ukoll talli harab mill-kustodja tal-pulizija.

Dwar il-piena kif gia kellha oportunita' tesponi din il-Qorti saret enfazi kbir minn Angel Attard ghall-fatt li hu donnu nqabad go tranell li ma kienx jaf kif kien se johrog minnu. Tant li jghid li kien anke jhossu mhedded wara li ppartecipa fl-ewwel serqa inkwantu l-ohrajn, it-Taljani, kienu jafu hu fejn joqghod inkwantu gabruh mid-dar qabel is-serqa u anke qasmu l-ewwel flus ghandu. Issaqsi pero' din il-Qorti, anke jekk temmen lil Attard fir-rigward ta' din il-biza, ghala dahal f'din is-sitwazzjoni ab initio. Jghid li ta' cirka sbatax il-sena gia kellu lavranti jahdmu mieghu pero' beda jhoss il-qarsa finanzjara ghax xi cekkijiet kienu jaslulu tard, din la hija skuza u wisq anqas soluzzjoni u aktar u aktar mhux gustifikazzjoni ghal ghemilu. Dan huwa il-bniedem li fl-istqarrija ddikjara li ghandu erba' vetturi, ta' erba u ghoxrin sena, pure mutur li anke uza ghas-serq, u kien ghadu kif ibiegh mutur iehor Honda. Dan huwa l-bniedem li ghalkemm beza u ghalkemm ha inqas minn haddiehor in kwantu sehem ta' flus, hadhom u jghid li tant bezgha jiddisponi minnhomm li nefaqhom Mc Donalds u l-imcappsa f'petrol stations. Dan l-istess bniedem nonostante il-bizgha, issa li z-zewg Taljani l-ohra m'ghadhomx fix-xenarju, ghax minnhom kien ihossu mhedded, ghazel issa b'theddid li hu ma' Aiello jaghmlu zewg hold ups ohra. Zied fix-xhieda tieghu fatt mhux imtarraf fl-istatement twil minnu rilaxxat illi anke fl-ahhar zewg serqiet kellu jaqsam ma' terza persuna wkoll injota u anke rega' qasam il-flus maghha. . Attard huwa l-bniedem li ghalkemm ma riedx jippartecipa sahansitra pogga bil-qeghda fuq pulizija waqt hold up minnhom! Huwa l-bniedem li nonostante l-bizgha li kellu minn shabu Taljani kien jitkellem hu waqt il-hold up biex jinghatw il-flus jew biex n-nies prezenti ma joffrux rezistenza ghax ovvjament hu biss kien Malti, almenu skondtu. Dan huwa l-bniedem li llum ghamel sew talab mahfra pero issa qed juri konfondiment ghal dak li se jigri mill-lavranti tieghu darba li tigi determinata din il-kawza. Dan huwa l-bniedem ukoll illi kapaci jahdem, dan anke xehditu Marietta Lanzon, mahtura biex tirredigi Social Inquiry Report, li

skantat donnha bhal kulhadd b'dak li wasal li ghamel Angel Attard li jidher li kien il-bniedem li kellu hafna u ramiha ghal ftit mhux in kwantu flus misruqa imma inkwantu ghal integrita personali.

Frankament fil-fehma ta' din il-Qorti Angel Attard ra li kellu cans jaghmel somma flus malajr, kif ben ikkomentalu l-ufficcjal prosekutur in kontro ezami, minnu accettata, hames t'elef lira f'siegha,, anzi jghid f'inqas( fol 843). Anke jekk l-istess Attard jghid li kienu flus mishutin u neffaq il-maggoranza taghhom f'Mac Donalds, llum gharaf li ta' dak minnu kommess se jhallas nonostante ghal fatt li gia spicca b'kawzi civili kontra tieghu istitwiti mill-banek ghar-rikavat tas-serq. Jinhtieg Angel Attard jifhem li ghal kull azzjoni hemm reazzjoni u kollox igorr il-piz u responsabbilta' tieghu.

Premess dana kollu ghaldaqstant qeghda wara li rat l-artikoli 18, 261 (a) (b) (c) (f) (g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 276, 277, 278, 330, 279, 280, 281, 334, 31, 22, 20, 23, u 533 tal-Kap 9, kif ukoll l-artikoli 3, 9, 19, 26, u 27 tal-Kap 66, rat il-fedina penali tieghu li hija ghal kollox netta, hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi huwa kkopera kemm fl-istqarrija u li ghazel li jitla' u jammetti taat gurament nonstante ghal fatt li dan wara trapass twil ta' zmien, (jibqa' l-fatt li dan hu ma kienx tenut li jaghmlu), qieset il-gravita' massima tal-atti minnu kommessi kif gia espost u qeghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt snin. Qeghda ai terminu ta' l-artikolu 23 tal-Kap 9 tordna ukoll il-konfiska tal-van li jgib in-numru ta' registrazzjoni LAB 638, liema vettura intuzat fil-hold up li sar fuq il-Coppini Exchange Bureau.

Fl-ghoti ta' l-istess piena wara li rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nonostante ghal fatt li l-Qorti hija tal-fehma li Attard kien hati tal-harba mill-pulizija pero' din ma ttiehdetx in konsiderazzjoni in kwantu ebda artikolu ma ntbaghat mill-Avukat Generali f'dan is-sens.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------